MINUTI

GVERN LOKALI TA’ XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 25 - AĠĠORNAMENT

IT-TNEJN 23 TA’ AWISSU 2010 FI-4.30 TA’ WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

Qabel ma bdiet tiġi diskussa l-aġenda s-Sindku nfurmat li l-Viċi Sindku talab (bit-telefon) li jiġi skużat milli jattendi s-seduta.

## RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li fi Triq U. Mifsud (n-naħa ta' fuq) qed ikun hemm il-prostituti. Huwa rrapporta wkoll li fi Triq Testaferrata qed jerġa' ikun hemm ħafna iżjed. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li huwa diġa' informa l-Kunsill li fl-inħawi qed jinkrew xi kmamar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija diġa' kellmet lill-Ispettur tat-Taqsima tal-Vizzji kif ukoll lis-Supt. Tad-Distrett dwar dan.

ii Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li Fuq ir-Rampa qed ikun hemm diversi persuni bis-siġġijiet fuq il-bankina u qed jostakolaw il-passaġġ. Huwa qal ukoll li qed ikun hemm anke karozzi pparkjati fuq id-double yellow lines. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġa' kellha ilmenti dwar dan u għamlet rapport lill-Gwardjani Lokali. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lill-Authorised Officer dwar din il-materja.

iii Il-Kunsillier E. Muscat irrefera għal one way system u qal li qabel ma din tiġi mplimentata kellha ssir laqgħa mar-residenti. Is-Sindku nfurmat li minkejja li t-tabelli ġew imwaħħla dawn ġew mgħottija bil-boroż suwed. Hija qalet ukoll li s-sistema kif ġejja diġa' ġiet ippublikata fil-magazine tal-Kunsill biex ir-residenti jingħataw iċ-ċans jgħatu l-opinjoni tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li fil-jiem li ġejjien issir laqgħa għar-residenti kollha.

iv l-Kunsillier A. Cachia Castelletti irrapporta li wasal għandu lment u anke ritratti ta' boroż ta' l-iskart u anke mbarazz li qed jintrema ħdejn il-bring-in-site fi Triq Ġ. Cali'. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li kopja dan l-ilment u r-ritratti jgħaddu l-Customer Care biex tkun tista' tittieħed azzjoni. Hija nfurmat ukoll li f'rapporti simili jsir rapport lill-Authorised Officer biex ssir sorveljanza mill-Green Wardens.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli…)

vi Il-Kunsillier F. Roe staqsa min hu responsabbli tal-fanali li hemm fil-promenade peress li hemm numru minnhom li huma neqsin. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saru diversi rapporti lid-Dipartiment tad-Distretti dwar dan peress li dawn kienu parti mill-proġett tax-Xatt. Hija ħadet l-inkarigu li terġa' tagħmel rapport dwar dan.

vii Il-Kunsillier F. Roe irrapporta li qed ikun hemm problema ta' ipparkjar wara l-Blk E5. Huwa talab li jekk hu possibbli din iż-żona jsir ipparkjar fiha biss mir-residenti. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li fl-istess żona huwa talab li ssir tabella biex il-vetturi jipparkjaw il-*bumper* mal-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tistenna risposta mit-TM dwar dan. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li ssir spezzjoni ta' din iż-żona.

viii Il-Kunsillier F. Roe rrapporta li fil-Marina qed ikun hemm konfużjoni ta' parking. Huwa ppropona li din tiġi one way u anke jsir pjan tal-parking bays. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem lis-Sur V. Pule' tat-TM dwar dan.

ix Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li l-bins tax-Xatt mhux qed jiġu mbattla sew. Huwa rrapporta wkoll li fix-Xatt ħdejn it-tlett siġriet kif ukoll bejn it-Triq A. Nani u r-Rampa hemm bżonn ta' patching.

x Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti staqsa kienx hemm żvilupp dwar il-Bye Law ta' l-Għamara tat-Toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda risposta mill-Attorney General. Huwa staqsa wkoll x'azzjoni ttieħdet dwar il-konfini. Is-Sindku qalet li l-Avukat tal-Kunsill kelli jindaga dwar il-każ u jirrapporta lura lil Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli…)

xi Is-Sindku tat rapport ta' fejn waslu s'issa x-xogħlijiet tal-proġett tar-roundabout. Hija nfurmat li biex il-kurduna ssir iktar irfinuta hemm spiża addizzjonali ta' Euro4 il-metru. Hija nfurmat ukoll li biex issir sistema aħjar tal-ilma mill-fontana l-pompa se tinvolvi aktar flus. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li minħabba d-dislivelli diġa' kien hemm spiża addizjonali. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u s-Sindku pproponiet li tiġi vvutata s-somma ta' Euro3500 biex tkopri l-ispejjes żejda. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

xii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kuntrattur tal-Bulky Refuse naqas milli jwettaq is-servizz ripetutament. Is-Sindku rrappurtat li kellu jitqabbad Kuntrattur ieħor, li bħalissa qed iwettaq l-istess servizz fil-Kunsill ta' l-Imsida, biex jagħmel dan is-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hija kitbet ittra rreġistrata biex dan jagħmel kuntatt mal-Kunsill peress li mhux jirrispondi l-mobile u l-anqas l-emails li ntbgħatulu. Hija qalet ukoll li nfurmatu li jekk ma jagħmilx kuntatt sa l-aħħar tax-xahar il-Kunsill se jassumi li l-kuntratt ġie abbandunat. Il-Kunsill qabel ukoll li qabel ma ssir sejħa għall-offerti għal dan is-servizz nitolbu parir dwar jekk l-ispeċifikazzjonijiet humiex kompatibbli ma l-standards Ewropej.

xiii Is-Sindku rreferiet għal attivita' li se ssir Green Doggy Week. Hija pproponiet li din issir bejn il-25 u d-29 ta' Ottubru 2010. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

xiv Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta dwar l-laqgħa tal-MEPA li saret dwar il-Yacht Marina. Huwa qal li din iffukat fuq il-Yacht Marina tal-Pieta'. Huwa rrapporta li se jitkabbar il-breakwater u l-proġett m'għandux jolqot lil Lokalita' tagħna. Huwa rrapporta wkoll li għamel intervent u tkellem dwar il-pontoons li qed jiġu proposti f'Ta' Xbiex u saħaq li l-proġett m'għandux issir għax inaqqas mill-ispazju ta' rikrejazzjoni peress li dan huwa l-unika zvog li għandhom ir-residenti u fil-fatt parti mill-baħar ġiet meqjusa bħala swimming zone.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

II MOZZJONIJIET

i Mozzjoni Numru 12

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Devoluzzjoni tal-Marina ix-Xatt ta' Ta' Xbiex |
| Proposta minn | A. Vassallo |
| Issekondata minn | F. Roe |

Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Il-Kunsill approva r-Rapport Finanzjarju li ġie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsillieri.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saru diversi lmenti dwar ir-railings tax-Xatt peress li dawn jinsabu fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jerġa' jitkellem mad-Dipartiment ikkonċernat biex jara f'liema stadju wasal il-proġett.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit iċċertifika x-xgħlijiet tal-bankini li saru. Hija tablet li l-Kunsill japprova l-bilanċ tal-pagament dovut lill-Kuntrattur li pprovda l-materjal. Dan ġie approvat unanimament.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bins twaħħlu kollha u approva li l-kuntrattur jitħallas. Ġie approvat ukoll ix-xiri ta' parts biex jiġu rranġati l-bins il-qodma.

v B'referenza għal Memo 109 dwar mobile phones. Is-Sindku nfurmat li dak li kienet tuża' hi issa qed tħallsu personali. Dwar il-mobile l-ieħor li għandu l-Kunsill u li tuża' s-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill talab li tinkiteb ittra lid-Dipartiment għal-kjarifika għax dan huwa meħtieġ għal-Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti oġġezzjoni għall-ispiża li saret biex sari r-rapport mill-Econing. Huwa qal li jekk ma kienx hawn minn joffri dan is-servizz il-Kunsill darba oħra għandu jfittex barra minn Malta.

ii Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash. Il-Kunsill approva wkoll l-emenda li saret fl-iskeda ta' qabel.

**Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2010 fl-4.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv